# Anniversarji

## 200 sena mill-ewwel ġebla u 10 snin bogħod mill-Biċentinarju tal-Knisja l-Qadima u 300 sena mill-bini tal-Għajn mill-Gran Mastru Perellos

*Frank Tabone*



**Sfond storiku**

L-istorja ta' Għajnsielem tirrifletti sewwasew dik nazzjonali u reġjonali tal-gżira t'Għawdex. Pajjiżna u aktar u aktar gżiritna għadda minn ġrajjiet ta' ferħ kbir li llum lkoll niċċelebraw bħala l-jiem nazzjonali li jixhdu l-identità ta' nazzjon sovran. Iżda wkoll missirijietna daqu l-iebes tal-ħajja, bosta ħakmiet għatxana għall-imperjaliżmu li wasslu għal ħafna gwerer, sibi, faqar, mard u epidemji sħaħ. Mumenti, stejjer u episodji li min jaf kemm qrajna u tgħallimna dwarhom fuq il-bankijiet tal-iskola, minn xi rumanz jew dramm jew inkella xi ħarġa edukattiva f'siti u mużewwijiet.

Interessanti hu l-fatt li storikament Għajnsielem għadda minn żmien ta' prosperità qabel u fi żmien l-aħħar gwerer dinjija minħabba s-servizzi Ingliżi. L-istess jgħodd għal pajjiżna li ironikament żmien il-gwerer kellu l-element pożittiv tiegħu wkoll. Hekk naraw li dak li seħħ fuq livell lokali fir-raħal t'Għajnsielem huwa mera mill-aktar ċara tal-istorja mlewna iswed u abjad ta' din l-art ħelwa li tatna isimha.




Jekk immorru aktar lura fl-istorja, żmien il-Kavallieri bejn is-sekli sittax u tmintax inkomplu naraw kemm dawk il-komunitajiet żgħar li kienu joqogħdu qrib il-kosta Maltija kienu prattikament tgħoddhom fuq subgħajk jew saħansitra ma jeżistux. Għajnsielem jidħol tajjeb f'dan il-kuntest għal żewġ raġunijiet: hu mbewwes mill-baħar u għall-bosta sekli minn meta l-bniedem beda jimraħ'il bogħod fuq xi ċatra u jofroq il-baħar Mediterran, serva ta' punt ta' wasla u tluq għal dawn in-nies preistoriċi u moderni tal-ewwel epoka storika. Bla dubju ħadd ma kien jissogra jgħix mhux biss qrib il-kosta, iżda wkoll qrib il-punt ta' wasla ta' sibbien u pirati tal-baħar! U dan minkejja li Għajnsielem kellu għajn ta' ilma ġieri li jagħmlu mkien ideali sabiex wieħed jgħix fih.

Il-waqgħa tal-Imperu Ottoman kif ukoll il-kontroll u t-tmiem fuq is-sibi u s-sistema fewdali medjevali li ħarġu mill-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1789 taw nifs ġdid lill-gzejjer Maltin u l-komunijiet tagħhom magħluqa bosta drabi wara s-swar tal-Belt Valletta, l-Imdina u r-Rabat Għawdex. Dan wassal sabiex fil-każ ta' Għawdex, l-Għawdxin bdew iħallu l-kenn tas-swar taċ-Ċittadella u bdew jagħti sura lill-irħula Għawdxin b'mod aktar organizzat fejn tidħol struttura fiżika u dik socjo-reliġjuża. Dan bla ebda mod ma jfisser li f'Malta u f'Għawdex ma kienx hemm komunijiet imwaqqfa sa mis-seklu sbatax.

Iżda issa kien wasal il-mument li familja minn Għajnsielem ma tibqax aktar tħares mill-bogħod lejn raħal twelidha sewwasew minn fuq il-ħitan tas-sur, iżda li tibni xi forma ta' dwejra biex flimkien ma' familji oħrajn jiffurmaw b'mod integru ir-raħal t'Għajnsielem. Minħabba dawn ir-raġunijiet kollha li elenkajna, dan il-proċess ta' raħal bi struttura bażika ħa kemmxejn fit-tul. Tant li li għal diversi snin Għajnsielem flimkien mal-Qala kienu parti mit-twaqqif tal-parroċċa tan-Nadur.

Iżda jum fost l-oħrajn l-id ħawtiela u l-qalb ġeneruża tan-nies tal-lokal twaħħdet ma' id Alla l-Imbierek meta...

**Anġlu Grech**

...kellu viżjoni mis-Santissima Ommna Marija. Storikament, dan nafuh minn tradizzjoni ħelwa li tinsab rakkuntata fil-*Miscellanea Notitiarum Pro Archivio Parlis Ecclesiae Pagi Hain Salem, sub anno 1856* li ġew miktuba mill-ewwel kappillan Dun Anton Cauchi, f'volum manuskritt li jinsab fl-Arkivju tal-Knisja. Dun Anton kiteb hekk:

> Assigurani l-imgħallem ħajjat Salvu Grima, bin Ġorġ, min-Nadur, raġel xwejjaħ, twajjeb u ta' min jemmnu, illi bosta drabi f'ħajtu sema' mingħand ommu u minn għand nies xjuħ ta' min joqgħod fuq kliemhom, illi ċertu Anġlu Grech, imlaqqam "Ta' Xini" minn Għajnsielem, devot kbir tal-Madonna, kien ta' kuljum igħidilha r-rużarju, imqar waqt li kien ikun jaħdem fir-raba' tiegħu. Lejla waħda, x'ħin dalam, waqt li kulħadd kien qed jistrieħ, Anġlu, kif kellu d-drawwa jagħmel, ħa l-bħejjem tiegħu biex jisqihom mill-għajn imsejħa "Hain-

Salem". F'daqqa waħda, mehdi kif kien jisqi l-bhejjem, ġie maħsud minn dehra straordinarja; dehritlu Sinjura, liebsa l-abjad, b'qagħda majestuża. Kellmitu w ordnatlu li jwaqqfilha statwa taħt it-titlu glorjuż ta' Loreto. Mhux biss, imma wrietu wkoll il-post fejn għandha titpoġġa din l-istatwa, jiġifieri fl-istess lok li fuqu llum tinsab mibnija l-knisja parrokkjali. Bla telf ta' żmien, l-għada filgħodu, it-twajjeb Anġlu Grech fisser lil ftit nies ta' dak iż-żmien li minnhom kien magħmul ir-raħal id-dehra li kellu mill-Madonna u l-ordni li tatu. Ferħanin b'din l-aħbar u mingħajr ma qagħdu jitnikkru, n-nies għamlu ġabra bejniethom u ordnaw statwa tal-ġebel taħt it-titlu ta' Loreto, u sakemm tlestiet l-istatwa huma ħadu ħsieb jibnu niċċa biex fiha titpoġġa l-istatwa. Minn dik il-ġurnata mbagħad li fiha l-istatwa ġiet poġġuta fin-niċċa, ta' kull filgħaxija lkoll kemm kienu, kienu jinġabru madwarha u jgħidu quddiemha r-Rużarju Mqaddes.



Dan wassal sabiex id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Loreto ħadet spinta tant 'il quddiem li l-poplu ħass li l-ħtiġijiet spiritwali tiegħu ma humiex moqdija tajjeb. Nafu biżżejjed li t-triq bejn Għajnsielem u n-Nadur hi waħda daqstant twila u għat-telgħa u fl-aħħar in-nies ta' Għajnsielem ħadu d-deċizjoni għaqlija li tinbena knisja ġdida.

## 200 sena mill-ewwel ġebla tal-Knisja l-Qadima



Filfatt nafu li Indri Xuereb (li kien l-ewwel prokuratur tal-knisja) u Franġisk Merċieca (l-ewwel benefattur) marru għand il-Kappillan tan-Nadur ta' dak iż-żmien, il-W.R. Dun Franġisk Sapiano u qalulu bil-ħsieb li jibnu knisja f'Għajnsielem. Fuq nota ħelwa, id-dokumenti jgħidulna li dawn iż-żewġ irġiel twajba ħadulu "bħala turija tal-qima lejh, Kappillan tagħhom" sallura ħajja ta' ratal u nofs li kienu qabduha xi nisa ħasselin mill-Għajn ta' Għajnsielem. Il-Kappillan laqagħhom bil-ferħ u wegħedhom il-koperazzjoni tiegħu kollha. Qalilhom ukoll li hu stess kien ser imur għand l-Isqof Fra Don Ferdinando Mattei, biex iġibilhom il-permess meħtieġ, liema permess ġie mogħti f'qasir żmien biex ikun jista' jinbeda l-bini tal-Knisja.



Eżattament mitejn sena ilu, f'jum tal-Ħadd tas-sena 1810, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, il-Kappillan Sapiano, bil-kleru u l-fratellanzi ħareġ b'purcissjoni min-Nadur għal Għajnsielem fejn ġie milqugħ b'festa kbira min-nies tal-lokal. Il-kappillan bierek dak il-post, poġġa l-ewwel ġebla u qiegħed taħtha xi domni u muniti. Il-kappillan Sapiano, wara dan għamel diskors lin-nies dwar il-qima u rispett fid-dar t'Alla u b'tifkira tiegħu, ħalla ritratt impitter fuq it-tila. Illum dan ir-ritratt jinsab fis-sagristija tal-knisja l-qadima, b'kitba taħtu, magħmula f'isem in-nies ta' Għajnsielem, li tgħidilna dwar l-obbligazzjoni tagħhom lejh, talli bħalhom xtaq u ried il-bini tal-knisja.

L-għada stess tat-tberik, beda minnufih il-bini tal-knisja fost il-ħeġġa tan-nies kollha. Il-bini kien fdat f'idejn l-imgħallem bennej Franġisku Gafà, imlaqqam "Tal-Qalfat" min-Nadur.

Sentejn wara li l-knisja bdiet tinbena, fis-27 ta' Jannar 1812 Indri Xuereb, il-prokuratur tal-knisja u Don Filippo Castagna, Gvernatur t'Għawdex iffirmaw kuntratt sabiex tal-ewwel kien ħa b'ċens perpetwu, biċċtejn art quddiem u wara l-Knisja biex isiru pjazza u ħtiġijiet oħra (Atti tan-Nutar tal-Gvern, 1812). Il-knisja damet tinbena għaxar snin u matulhom ix-xogħol ma waqaf qatt. Tant hu hekk li fid-9 ta' Settembru 1820 saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-



istess knisja. Fl-istess jum il-kwadru tat-titular tagħha tniżżel sollennament mill-knisja tan-Nadur għall-knisja t'Għajnsielem. Folla kbira attendiet din iċ-ċerimonja tat-tberik tal-knisja mill-kappillan Scasciato b'delegazzjoni li kien tah l-Isqof Mattei.

Bla dubju issa li l-ħolma tan-nies t'Għajnsielem saret realtà, inbniet il-knisja u tbierket ukoll, il-mument li kien imiss kien l-ewwel celebrazzjoni tal-festa. Tant hu hekk li din saret il-Ħadd, 16 ta' Settembru 1820.

## L-Għajn li tatna isimna



L-għajn hija il-karatteristika ewlenija ta' raħalna. Mhux biss ilissinha kulħadd x'ħin jirreferi għal GHAJNsielem (HAIN Salem), iżda għenet immens sabiex sawret ir-raħal tagħna. Id-dehra li kellu t-twajjeb Anġlu Grech seħħet qrib l-istess għajn li minnha u madwarha kien jisqi u jirgħa l-merħla tiegħu.

Nistgħu nsejħulha wkoll l-ewwel ċellula li wildet familja wara familja ir-raħal tagħna. Kien propju hawn li missirijetna tefgħu l-ankri u għażlu dan il-post għani, kenni u għammieli. Post ideali għal dawk kollha li kienu jbaħħru għax il-port jinsab biss tefgħa ta' ġebla 'il bogħod. Imkien ideali wkoll għall-industriji bikrin tas-sajd u l-biedja għax kif nafu tant tajjeb dawn kienu il-ħobżna ta' kuljum ta' kważi il-popolazzjoni kollha tal-pajjiż.

Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li storikament l-għajn kienet teżisti mill-qedem. Min jaf kemm popli ta' ilsna, kulturi u reliġjonijiet li żbarkaw f'Għawdex ġrew lejn din l-għajn wara ġranet u ġimgħat sħaħ bejn sema u ilma!

Il-wasla tal-Kavallieri fostna fl-1530 ġabet influss ta' ideat ta' kultura aktar għanja, dik Ewropea. Il-Kavallieri taw importanza kbira lid-difiża u għalhekk saħħew is-swar u l-kosta bit-torrijiet; daħlu stili arkitettonici kumplessi u elaborati sew influwenzati mill-era Barokka u rinaxximentali; tejbu l-aċċess u l-kontroll tal-portijiet u kabbru t-tarzna; iżda fuq kollox saħqu u lleġislaw ordnijiet sabiex kull dar li tinbena tkun sufficjenti fiha nnifisha bit-tħaffir ta' bir għall-ilma. Dan għaliex l-Ordni kien jaf sa minn qabel il-wasla tiegħu hawn Malta li l-akbar nuqqas tal-gzejjer kienet il-provvista tal-ilma, għajr għal ftit nixxiegħat u għejjun.

Nistgħu ngħidu għalhekk li l-politika li mxew biha



l-Gran Mastri kienet waħda li jsaħħu kull provvista ta' ilma naturali għan-nies tal-lokal kif ukoll għall-istess kavallieri.

Kien għalhekk fi żmien il-Gran Mastru Ramon Perellos Y Roccafull (1697-1720) li l-għajn ingħatat dehra ġdida u li fi żmienu nbnew it-tlett loġoġ li kien fiha. Dan seħħ sewwasew tlett mitt sena ilu, fis-sena 1710. Nafu dan kollu mill-arma li kienet iġġib l-istess simboli tal-kunjom Aragoniż tal-istess Gran Mastru – sitt lanġasiet suwed fuq sfond isfar.

Perellos kien l-erbgħa u sittin Gran Mastru fl-istorja tal-Ordni u t-tmexxija tiegħu tibqa' imsemmi fl-istorja. Perellos kien bniedem ġentlom, iħobb il-kultura, in-natura u fuq kollox kien iżomm qrib il-poplu. Fuq livell nazzjonali l-akbar wirt li ħallielna Perellos huma bla dubju l-arazzi Fjammingi li jpaxxu lil kull min iżurhom illum fil-palazz Presidenzjali fil-Belt Valletta. Fuq livell lokali, Perellos tejjeb is-servizzi tal-għajn t'Għajnsielem għal bżonnijiet tan-nies tar-raħal kif ukoll tal-kavallieri li kienu jitilgħu għall-kaċċa u l-mistrieħ f'Għawdex. Dan seħħ disgħa u tletin sena qabel il-bidu tal-bini tal-Fortizza Chambrai fuq Ras it-Tafal.

L-għajn kienet utli immens għal kull familja fir-raħal. Mingħajr l-iċken dubju, kull mara tal-familja kienet tmur sal-għajn biex iġġib l-ilma għax-xorb, għat-tisjir, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u tal-art. Billi ħafna mill-familji kien ikollhom xi nagħaġ u mogħoż għall-ħalib u l-ġbejniet, l-għajn kienet tintuża wkoll sabiex minnha jinġarr l-ilma għall-bhejjem.

## 300 sena wara = illum

Il-bini tal-knisja l-qadima u l-għajn tal-ħasselin huma l-ġenesi – l-għeruq socjo-reliġjużi ta' Għajnsielem. Bla dubju l-għajn serviet ta' l-ewwel pjazza, il-*facebook* ewlieni tar-raħal tagħna fejn żgħar u kbar, nisa u rġiel kienu jiltaqgħu u jitkellmu dwar dak kollu li kienu jgħaddu minnu.

Jekk il-knisja l-qadima u l-għajn huma l-għeruq, mela aħna llum il-friegħi ta' din is-siġra komunitarja imsejħa Għajnsielem. Hu għaqli li nħarsu, nfakkru u ngħallmu dwar l-istorja ta' raħalna għax għajb għalih il-bniedem li ma jafx l-istorja tiegħu li turih min hu.

(Tagħrif imsejjes fuq il-ktieb *Ġrajjet il-Parroċċa t'Għajnsielem* ta' Kan. Ġużeppi Zerafa, 1989)